# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 108/15 FDP**

**Mark Vella**
**(ID 408874M)**

**vs**

**Mark Anthony Sammut**
**(ID 483973M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 8 ta' April 2015 fejn ir-rikorrenta talab lill-Qorti sabiex, prevja d-dikjarazzjoni li f'kumment li deher online fit 23 ta' Jannar 2015 taht l-artikolu ppubblikat fis-7 ta' Jannar 2015 fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt huwa libelluz u malafamanti billi jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorreni, tikkundanna lill-intimat ihallsu danni a tenur tal-Artikolu 28 ta' Kap 248.

Rat il-kumment indikat bhala malafanti mir-rikorrenti fejn, taht l-isem 'M Sammut' hemm miktub is-segwenti:

> *"Mark Vella ahjar jiehu kors fil-kultura SanctUM mhux SanctA sanctorum qed jghid Sancta sanctorum hi kappella Ruma mizghuda relikwi – zgur mhux dak li qed jghid hawn.*
>
> *Mark Vella jmissu jghid kif kumbinazzjoni f'certi konkors kien hemm fil-gurija xi hadd li kellu relazzjoni pubblikatur kittieb mar-rebbieh. Dik tkun relikwa mill-passat – sancta sanctorum – interessanti li jitkellem dwarha.*
>
> *Naraw ikollux il-kuragg jispjega pubblikament kif jahdmu dal affarjiet*"

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fil-11 ta' Mejju 2015 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qal "*id-dikjarazzjoni in kwistjoni m'hijiex libelluza u lanqas m'hi malafamanti fil-konfront tal-attur.*"
Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Mark Anthony Vella** ippresentat fit 18 ta' Frar 2016 minghajr dokumentazzjoni annessa.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Christian Gruppetta**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit 18 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati.

Semghet ix-xhieda ta' **Kristina Chetcuti**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit 18 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppresentati.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Vella**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fil 25 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni kminnu prodotta, ossija l-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna fi stat aktar legibbli (fol 54) kif ukoll dettalji tal-awtur tal-kumment (fol 55).

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti Mark Anthony Vella moghtija fid 9 ta' Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Imanuel Mifsud**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fid 9 ta' Gunju 2016.

Rat l-affidavit ta' **Simon Bartolo** ppresentat fis 26 ta' Jannar 2017.

Rat illi fis 26 ta' Jannar 2017 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami ta' Matthew Vella illi saret fl-20 ta' Marzu 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' Imanuel Mifsud illi saret fit 18 ta' Mejju 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' Mark Vella illi saret fit 18 ta' Mejju 2017.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **n-Nutar Mark Anthony Sammut**, moghtija fit 18 ta' Jannar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 18 ta' Jannar 2018 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fis 26 ta' Frar 2018, ghalkemm ir-rikorrenti kien ilu li ghalaq il-provi tieghu sena, talab illi jippresenta uhud mid-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit tieghu, liema dokumentazzjoni jidher illi ma kienetx giet annessa originalment, liema dokumentazzjoni il-Qorti accettat illi jigu ppresentati fl-ahjar interess tal-Gustizzja.

Rat illi fit 18 ta' Jannar 2018 il-Qorti ddiferiet il-kawza ghal kontro ezami ta' Mark Anthony Sammut u ghat-trattazzjoni finali f'kaz illi ma kienx hemm kontro ezami x'jsir, u dana ghas 26 ta' Frar 2018

Rat illi fis 26 ta' Frar 2018 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux kontro ezami x'jaghmel u ghalhekk il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tal-konsulent legali tar-rikorrenti, stante illi l-konsulent legali ta' l-intimat ma kienx presenti, u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat illi fis 27 ta' Frar 2018 l-intimat talab illi jigi awtorizzat jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub, liema talba ntlaqghet fl-1 ta' Marzu 2018.

Rat illi fil-15 ta' Marzu 2018 l-intimat ippresneta s-sottomissjonijet bil-miktub tieghu

Rat illi fil-15 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent talab illi jkun jista jaghmel sottomissjonijiet bilmitkub huwa wkoll, ghalkemm kienet gia saret it-trattazzjoni finali tieghu, u l-Qorti, dejjem fl-ahjar interess tal-gustizzja, akkordatlu tali dritt.

Rat is-sottomissjonijet bil-miktub tal-konsulent legali tar-rikorrent ippresentati fid 9 ta' April 2018.

Rat illi fl-14 ta' Mejju 2018 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrenti kien kiteb artikolu illi deher fuq is-sit 'online' www.maltatoday.com.mt, esebit mill-intimat a fol 107 tal-process, intitolat '*Beware of Greeks bearing gifts*'.

Jirrizulta illi taht tali artikolu, dehru diversi kummenti minn persuni li ghazlu li jikkummentaw dwar dak hemm mitkub, kif isir fuq varji siti 'online', u fost il-kummenti kien hemm kumment, ta' persuna li indikat lilha nnifisha bhal '**M Sammut**', illi l-artikolist, ossija r-rikorrent Mark Vella *"jmissu jghid kif kumbinazzjoni f'certi konkors kien hemm fil-gurija xi hadd li kellu relazzjoni pubblikatur kittieb mar-rebbieh"*

Jirrizulta illi, fil-mori tal-kawza, il-Qorti inghatat tlett verzjonijiet differenti dwar kif dehru l-kummenti taht tali artikolu, ossija verzjoni li, ghalkemm jghid li kien hemm '*7 comments*', juri biss hames kummenti (fol 2) li lkoll indikati bhala li saru "*2 months ago*", verzjoni ohra illi juri attwalment is-seba kummenti (fol 54), li lkoll huma indikati, din id-darba, bhala li saru '*a year ago*' u, finalment, verzjoni ohra illi, din id-darba turi '6 comments' (fol 110) li lkoll huma indikati li saru '*3 years ago*'.

Jirrizulta ukoll illi dawna l-kummenti saru minn certa 'Manwel Mangani', certa 'M Sammut', mill MaltaToday u minn Mark A Sammut.

Jirrizulta illi l-kumment illi dwaru jhossu malafamat r-rikorrent inkiteb minn 'M Sammut' u xhud prodott mir-rikorrent, ossija Matthew Vella, esebixxa dokumentazzjoni fejn turi l-identifikazzjoni ta' tali 'M Sammut', liema identifikazzjoni hija limitata biss ghall '@disquis_cjm90wNWpF' u ma tinghata ebda identifikazzjoni ohra ta' l-awtur.

Jirrizulta illi l-intimat Mark A Sammut, fuq l-istess thread ta' kummenti, ikkummenta darbtejn, darba in risposta ghall-kummenti illi MaltaToday ghamlet ghal-kumment meritu tal-kawza odjerna, u darba ohra in risposta ghal kumment illi ghamel ir-rikorrent Mark Vella taht l-istess artikolu.

Jirrizulta illi, fiz-zewgt istanzi, il-kitbiet ta' l-intimat huma facilment attribwibbli lill-intimat stess, peress illi jgibu l-isem ta' 'Mark A Sammut' kif ukoll ritratt.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat jikkontendi illi filwaqt li l-kummenti li saru bl-isem Mark A Sammut huma attwalment tieghu, huwa ma jafx min hu 'M Sammut' illi ghamel il-kumment meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi r-rikorrent, in sostenn mal-allegazzjoni tieghu illi l-kumment sar mill-intimat, esebixxa tardivament post ta' certa 'Andrew Sciberras', illi deher fuq Facebook, u illi tahtu l-intimat bl-isem ta' Mark A Sammut jaghmel is-segwenti kumment: (fol 112)

> *"Tal Misthija. Membru tal-Gurija u Vella kien il-pubblikatur tieghu! Imisshom jisthu jekk jafu. Aktar Gruppetta ihallihom jghaddu passata hekk. Kont nistenna ahjar minn Chris, li hu ragel ta' intelligenza mhux zghira."*

Jirrizulta illi r-rikorrent, fl-affidavit tieghu, jghid illi sahasitra l-intimat tella '*post'* fuq il-pagna tal-Facebook tieghu, fejn "*sfida lir-rikorrent iwiegeb ghall-allegazzjonijiet tieghu dwar prattici korrotti fir-rebh tal-konkors imsemmi*"(fol 17).

Jirrizulta, izda, illi r-rikorrent naqas milli jippresenta tali '*post*' minnu msemmi, kemm originalment mal-affidavit, kif ukoll meta tardivament il-Qorti ippermettietlu jippresenta dokumenti illikien nesa jippresenta.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent hassu malafamat bil-fatt illi xi hadd allega illi waqt il-Fiera tal-Ktieb li saret fl-ahhar ta' Novembru 2013, huwa kien rebah il-kompetizzjoni mtella bhala parti mill-attivitajier tal-Fiera ghall-ahjar manuskritt, liema manuskritt kien intitolat '***X'Seta Gralu lil Kevin Cacciattolo.***'

Jirrizulta illi r-rikorrent tella lill organizzatur tal-kompetizzjoni, Dr Christopher Gruppetta, kif ukoll lill-gurati involtu, ossija Kristina Chetcuti, Imanuel Mifsud u Simon Bartolo, li lkoll ddikjaraw illi huma ma kellhom ebda indikazzjoni dwar l-awtur tal-manuskritt huma u jezaminaw il-manuskritti lilhom mghoddija minn Dr Gruppetta, illi kien l-organizzatur tal-kompetizzjoni.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi darba ir-rikorrent kien ippubblika ktieb ta' Imanuel Mifsud.

Jirrizulta, madanakollu, mill-provi prodotti, illi hareg car li r-rikorrent rebah il-kompetizzjoni tas-sena 2013 bil-manuskritt intitolat 'X'Seta Gralu lil Kevin Cacciattolo' ghax kien haqqu jirbah tali kompetizzjoni u hadd mill-gurija ma kien jaf illi l-ktieb kien attwalment tieghu.

Jirrizulta ukoll illi bhala parti mil-kompetizzjoni, il-ktieb jinqara pubblikament waqt attivita' miftuha ghall-pubbliku w il-pubbliku jkollu l-opportunita' illi jivvota l-ahjar manuskritt, u jirrizulta illi fost it-tlett manuskritti li kien hemm ghall-kompetizzjoni, il-ktieb tar-rikorrent kien dak l-aktar ivvutat mill-pubbliku, liema vot kellu weighting ta' 40% tal-vot komplessiv.

Jirrizulta ghalhekk, minghajr dubju, illi l-manuskritt '*X'Seta Gralu lil Kevin Cacciattolo*' miktub mir-rikorrent, rebah il-kompetizzjoni unikament fuq meriti tar-rikorrent li kitbu u ma kien hemm ebda tip ta' influenza u/jew korruzzjoni kif giet allegat fil-kumment meritu tal-kawza odjerna.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jikkontendi illi l-intimat huwa responsabbli ghall-kumment meritu tal-kawza odjerna, u in sostenn ta' dan ippresenta kumment iehor illi l-intimat kien ghamel fuq Facebook post ta' persuna ohra, li kien jaghmel l-istess allegazzjonijiet.

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent jikkontendi li l-intimat stess tella l-artikolu tar-rikorrent u l-kumment meritu tal-kawza odjerna fuq il-pagna persunali ta' l-intimat u kien sfida lir-rikorrent biex jirrispondi.

Jirrizulta, madanakollu, illi prova ta' dana il-post fuq il-pagna personali ta' l-intimat, illi kienet tkun l-ahjar prova biex torbot lill-intimat mal-kumment meritu tal-kawza odjerna, ma ingabietx, ghalkemm ir-rikorrent jaghmel referenza ghaliha fl-affidavit tieghu izda eventwalment ma jippresentax.

Dana qieghed jinghad ghax il-Qorti ma tistax ma' tosservax illi fl-istess 'thread of comments' fejn kien hemm il-kumment illi dwaru jhossu malafamat ir-rikorrent, hemm kummenti maghmulha mill-intimat stess, u f'dak il-kaz il-kummenti tieghu huma identifikati bhala li saru minn '**Mark A**

**Sammut**', liema identifikazzjoni hija differenti ghal kollox minn dik ta' '**M Sammut**' li tidher hdejn il-kumment illi dwaru hassu malafamat ir-rikorrent.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, sabiex wiehed jinstab responsabbli ta' pubblikazzjoni illi saret, irid ikun ppruvat b'mod car illi huwa attwalment l-awtur tal-kumment malafamanti.

Il-Qorti tifhem illi, llum il-gurnata, bl-avvanz tat-teknologija moderna, huwa facili illi wiehed jaghmel kumment anonimu jew taht pseudonimu illi ma jkunx jista jwassal ghall-identita' ta' l-awtur, izda huwa anke possibbli illi wiehed jidentifika l-Internet Protocol Address tal-awtur tal-kumment bil-ghan illi jigi stabbilit minn liema servizz ta' internet tali kumment inghata, liema identifikazzjoni eventwalment tkun tista titfa dawl ferm siewi dwar min attwalment kien l-awtur tal-kumment.

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, ir-rikorrent strieh biss dokument mahrug mis-sistema tad-Discus, li tirregola l-identita' ta' min jikkummenta fuq certa siti, inkluz is-sit www.maltatoday.com.mt, kif ukoll fuq assunzjonijiet tieghu, ibbazati wkoll fuq il-fatt illi bejn l-partijiet kien hemm gia differenzi ohra personali, kemm fil-qasam personali kif ukoll fil-qasam letterarju.

Jirrizulta, madanakollu, illi tali asserzjonijiet ma jistghux iwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi b'certezza illi l-kumment illi dwaru qieghed jilmenta r-rikorrent kien attwalment mitkub u mtella mill-intimat stess, u fin-nuqqas ta' tali prova, l-Qorti ma tistax tghaddi biex tiddeciedi jekk l-intimat huwiex responsabbli ta' malafama jew le, stante illi l-identita' tal-awtur ma giex stabbilit.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba attrici.

Kull parti ghandha terfa l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur